KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 12 Tlieta 11 ta' Frar 2020

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:28 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Mikhail Micallef -Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

MISTIEDEN:
Daniel Galea - Accountant

Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija, tal-Kunsilliera Mikhail Micallef, Joseph Gatt, Maria Pia Bonnici u Aiken Zerafa. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 11

REF: 11.2.4 Bdil ta' isem ta' Sqaq San Anton Abbati numru 1

Is-Sindku nfurmat li reġet ntbgħatet *email* biex l-isem jkun Sqaq Sant Anna, għax ta' li Street Naming Committee tawna isem ieħor.

**REF: 11.3.7 Kommunikazzjoni – Diskussjoni re: Contracts Manager**
Is-Sindku nfurmat li ħa jinħareġ bħala tender u nibqaw niddiskutu mar-Reġjun. Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk hux ħa nmorru *cheapest compliant* jew MEAT. Is-Sindku nfurmat li ħa nipruvaw nmorru MEAT.

**REF: 11.3.2 Korrispondenza–Quote for new Installation of lamp in Triq Patri Avertan Fenech**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk fuq id-dawl ta' triq Patri Avertan Fenech humiex ser jsiru. Is-Sindku nfurmat li jekk mhux ħa nsibu soluzjoni irħas ħa jkollna nmexxu bil-kwotazzjoni li għanda għax hemm bżonn jsir id-dawl.

**REF: 11.3.13 Kommunikazzjoni – Installation of lamp Triq il-Biedja**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk ir-residenti hux ser jħallsu għal arblu biex jsir id-dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kienet bgħatet *update* li fil-verita hija l-Enemalta li ma tridx li nwaħħlu mal-faċċata. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li mil-pjanti li jibgħatulna l-Enemalta qed nindunaw li lampi li kienu taħt ir-responsabilta tagħhom, hemm uħud mil-lampi li tefawhom fuq il-Kunsill. Is-Sindku nfurmat li din il-kwistjoni ħa tressaqa fil-laqgħa tar-Reġjun.

**REF: 11.3.15 Kommunikazzjoni – Breakdown Expenses re: Magazine**
Il-Kunsillier Cassar staqsa biex tiġi ċċirkulata *email* lil-Kunsilliera ta' dawk il-ħwienet li għamlu reklamar tramite is-*sales person* u ħallsu l-*commission,* u lista ta' dawk il-ħwienet li għamlu riklam dirett u ma ħalsux l-*commission.*

**REF: 11.4.23 Kummenti li ntqalu mil-Viċi Sindku**
Il-Viċi Sindku qal li ma jaqbilx kif ġie kkwotat, u staqsa lil Kunsillier Cassar jekk dak li qal sarx waqt il-laqgħa. Il-Kunsillier Cassar ikkonferma li iva, u ntqal meta l-Viċi Sindku kien leħħaq telaq mil-laqgħa, kif ukoll kien telaq l-Kunsillier Camilleri. Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li l-membri preżenti qablu kollha ma dak li stqar, u biex is-Sindku tkellem lil-Viċi Sindku.
Il-Viċi Sindku qal li ma jafx, u li soltu is-Segretarju Eżekuttiv tikteb meta jitlaq mil-laqgħa. Uħud mil-membri preżenti nfurmaw lil Viċi Sindku li huwa *minuted* il-ħin li telaq.

Il-Viċi Sindku qal li jrid jittieħed il-kuntest ta' kif ntqal id-diskors "professuri mhux professuri", għax inkella nistaw noqgħodu niktbu kollox. Is-Sindku nfurmat lil-Viċi Sindku li kieku l-kumment tiegħu kien iktar diplomatiku, ħadd ma kien joħroġ iddispjaċut wara l-laqgħa. Il-Viċi Sindku qal li min ħa jara l-minuti mhux ser jara l-kuntest ta' kif ntqal id-diskors.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-minuti mhumiex *transcript* ta' kull ma jintqal, u meta il-Kunsillier Cassar ressaq il-kummenti tiegħu, is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk jridux li 11.4.23 jiġu *minuted*, u l-membri preżenti kkonfermaw.

Il-Viċi Sindku qal li fejn hemm mniżżel biex is-Sindku tiġbed l-attenzjoni tal-Viċi Sindku, din issa sar jaf bija għax ma kienx avviċinat mis-Sindku. Il-Kunsillier Cassar qal li fil-bidu tal-laqgħa staqsa lis-Sindku jekk kellmitx lil Viċi Sindku, u li kkonferamt li kelmitu ftit. Il-Viċi Sindku nforma li ma kienx hemm laqgħa bejnu 'u s-Sindku.

Il-Viċi Sindku talab biex jitniżżel fid-dettal dak li ntqal minnhu. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex terġa ddur ir-*recording* u tgħamel *update* tal-minuti.

**REF: 11.2.7 Pjazza Nerik Mizzi**
Il-Viċi Sindku nforma li t-tabelli diġa hemm biex vettruri jipparkjaw bl-*exhaust* il-barra, imma l-lampi fi Pjazza Nerik Mizzi għadhom ma sarux, u staqsa jekk weħlux mal-kuntrattur. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

Fis 6:45 daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera Angele Rapa.

**REF: 11.3.6 Tat-Targa Battery**
Il-Viċi Sindku staqsa f'hiex wasal l-MOU tas-*sublease agreement* li kellhu jiġi ffirmat bejn il-Mosta Scouts Group u s-Soċjeta Filaronika Sta. Marija. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kienet bgħatet *email* b'xi emendi żgħar, pero' ma wasalx lura emendat u ffirmat.

**REF: 11.4.6 Autofill Petrol Station**
Il-Viċi Sindku nforma li rigward il-*petrol stations,* fehem l-oġġezzjoni li saret pero' *l-policy tal-petrol stations,* m'hemm xejn li jindika li *kerbside petrol stations* jridu jitilqu sa xi data, imma hemm biex dawn il-pompi tal-petrol jiġu bil-*vapour recovery.* Fil-fatt il-pompi kollha jridu jiġu bil-*vapour recovery* sa l-aħħar tal-2020, u għalhekk ma setatx issir oġġezjoni fuq xi ħaġa li trid issir. Fil-fatt l-awtorita ta' l-Ippjanar biex jikkunsidraw applikazzjonijiet għal-pompi tal-*petrol,* jrid jinxtara permess ta' *kerbside petrol station* biex tiġi relokata l-barra mil-lokal, u jispiċċa l-permess tal-*kerbside petrol station.*
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-ittra ta' oġġezzjoni ġiet miktuba mil-perit tal-Kunsill, u ittra oħra ta' oġġezjoni fuq l-istess linji mil-Perit Musumeci, imqabbad mir-residenti.

Il-kunsillier Cassar nforma lil Viċi Sindku, li skond l-applikazzjoni l-pompa ħa tikber u ħa jiżdied l-ħażna tal-*fuel* wkoll. Il-Viċi Sindku nforma, li ressaq l-*policy* biex il-membri jkunu nfurmati xi tgħid il-policy eżatt.

**REF: 11.4.15 PAMA**
Il-Viċi Sindku staqsa f'hiex wasal fuq it-*testing* tas-saqaf tal-ġibjun. Is-Sindku nfurmat li rċevejna l-kwottazjoni, u fil-jiem li ġejjien l-*handyman* għandu jiltaqa' mat-Terracore. Is-Sindku żiedet tgħid li l-kumpanija Terracore nfurmatna li biex jiġi t-testjat is-saqaf jrid jitbattal l-ilma. Is-Sindku nfurmat lil-membri preżenti li mpossibli jitbattal mill l-ilma, u fil-verita t-*test* jrid isir fil-parti ta' fuq, u għalhekk ma hemx bżonn li jitbattal l-ilma.

**REF: 11.3.6 Tat-Targa Battery**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk irċevejnhiex xi risposta mingħand il-Lands, biex niġu *in-line* mit 2016 min meta ħareġ l-isquatter. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad qed niġbru l-informazzjoni, qabel ma niktbu lil Lands.

**REF: 11.4.10 Tabella triq-Baskal Buhagiar**
Il-Kunsillier Deguara staqsa dwar tabella li tneħħiet. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa nipruvaw nduru dawn it-tip ta' tabelli biex ma jintremhiex skart, biex jerġaw jsiru mil-ġdied bl-Euro.

Il-Kunsillier Cassar ressaq suġġeriment biex ssir mappa ta' fejn jinstabu *doggy bins* u l-*clothes bins.* Din saret mil-Kunsill tan-Naxxar u jidher xi ħadd qadt jdur ż-żoni.

Fis 7:02pm saret sospensjoni tal-minuti biex jinqraw *items* 12.5.2 Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji 2020 u 12.5.3 Approvazzjoni ta' Pjan ta' Ħidma 2020-2024.

12.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

12.3.1 Korrispondenza – Request for sleeping Police in Triq il-Wied

Il-membri preżenti qablu biex din titpoġġa *on-hold* sakemm jkollna u nirċievu iktar talbiet, għax ma jistax jkun għal kull talba waħda li nirċievu nagħmlu *sleeping police,* u nimlew it-toroq kollha tal-Mosta, apparti wkoll li fuq dawn it-talbiet nirċievu diversi opinjonijiet, min irida, min ma jridhiex quddiemu, u min jilmenta li qed jkisser il-vettura bihom.

12.3.2 Korrispondenza -Sleeping police in Triq iċ-Ċiklisti

Il-membri preżenti qablu biex din titpoġġa *on-hold* sakemm jkollna u nirċievu iktar talbiet, għax ma jistax jkun għal kull talba waħda li nirċievu nagħmlu *sleeping police,* u nimlew it-toroq kollha tal-Mosta, apparti wkoll li fuq dawn it-talbiet nirċievu diversi opinjonijiet, min irida, min ma jridhiex quddiemu, u min jilmenta li qed jkisser il-vettura bihom.

12.3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Triq il-Ġnejna

Is-Sindku nfurmat li fuq triq il-Ġnejna, minkejja li qegħda *on-hold,* ħa tkun qed tmexxi biex jibdew ix-xogħolijiet fuq is-servizzi. Is-Sindku talbet lil-Viċi Sindku biex jgħati gwida ta' kif ser napplikaw peres li jrid jsir *storm water culvert* min Infrastructure Malta*,* u rridu napplikaw għat-TNP. Għalhekk ħa napplikaw biex jinbidlu s-servizzi tad-drenaġġ? Il-Viċi Sindku ħa jgħati *update* lis-Sindku minħabba l-koordinazzjoni tar-*road works permit* biex ma ninqabdux lura minħabba r-ritmu tax-xogħolijiet.

12.3.4 Korrispondenza – Vending machines commission

Is-Sindku nfurmat li bejn il 15.10.2019 u 23.12.2019 il-*commission* fuq il-vending machine kien ta' 520.23 Euro inkluz VAT, għalhekk morna tajjeb ħafna.

12.3.5 Kommunikazzjoni – Bżonn ta zebra crossings in Triq il-Ħtajriet

Is-Sindku nfurmat li kelna talba biex isiru tlett *zebra crossings* fi triq il-Ħtajriet. Waħda fil-bidu tat-triq, oħra fil-parti fejn hemm il-garaxxijiet u oħra fejn iċ-*child care.* Is-Sindku nfurmat li meta tkellmet ma uffiċjal ta' Transport Malta, iż-*zebra crossing* fil bidu tat-triq approvata, it-tieni waħda fil-parti fejn hemm il-garaxxijiet ma tistax issir minħabba li l-*policies* ma jippermettux li vettura toħroġ min garaxx u tiġi fuq *zebra crossing,* u taċ-*child care* l-ufiċjal ta' Tranport Malta tagħna parir li ssir fejn hemm id-*drop curb* taċ-*child care centre,* għalhekk ħa jlesti pjanta għax qegħda f'kantuniera.

Il-membri preżenti ma qablux li għanda ssir f'kantuniera għax fl-opinjoni tal-membri preżenti din tista tkun perikoluża. Għalhekk ħa jintalab lil Transport Malta alternattiva oħra, u ġie suġġeriet li ssir fejn hemm il-*clinic.*

Fuq nota differenti l-Kunsillier Cassar talab biex napplikaw ma Transport Malta għal *zebra crossing* fiż-żona ta' Mlit fejn iċ-ċentru tad-dutrina. L-applikazzjoni kienet saret u ma ġietx aċċetata, u għalhekk il-Kunsillier Cassar talab biex nerġaw nipruvaw napplikaw.

12.3.6 Kommunikazzjoni – WSCD 116/20 Sewer in Triq Charles Vassallo

Is-Sindku nfurmat li xtaqet taqsam il-kwotazzjoni mal-membri preżenti, imma d-dokument bi żball ma ġiex inkluz fil-*folder.*

Il-membri preżenti qablu li din tintbgħat b'*email.*

### 12.3.7 Kommunikazzjoni – CCTVS

Is-Sindku nfurmat li l-installazjoni tal-*internet* fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta ser issir fl-20 ta' Frar. CCTV ta' Ġnien Santa Margerita ġejna nfurmati li WIFI jrid jiġi installat.

Il-Kunsilliera Cassar u Howard talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex il-programm tas-CCTV jkun fuq komputer u mhux laptop, biex jitnaqqas iċ-ċans li dan jista jinsteraq. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-*laptop* jkun msakkar u għandu password.

### 12.3.8 Kommunikazzjoni – Website in Maltese and English

Is-Sindku nfurmat li fuq talba tal-Kunsilliera fl-aħħar laqgħa biex il-*website* tkun bil-Malti u bl-Ingliz separatament. Irċevejna l-kwotazzjoni li tammonta għal 1,696.25 Euro.
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk il-kwotazzjoni jinkludhiex it-traduzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li jidher li iva, għax fl-appendiċi li turi deskrizzjoni tax-xogħolijiet hemm *'Data entry for additional language (x1 language)',* pero' ħadet nota biex tikkonferma.
Il-membri preżenti approvaw il-kwotazzjoni ta' 1,696.25 Euro, u jekk it-traduzzjoni mhux inkluza, is-Segretarju Eżekuttiv ħa terġa ttella *update* tal-kwotazzjoni fuq il-mejda tal-Kunsill.

### 12.3.9 Kommunikazzjoni - CCTV cameras with pole in 2 different zones in Mosta

Is-Sindku nfurmat li s-CCTV *cameras* li huma pjanati biex jkunu jistaw jitressqu min post għal-ieħor, ltqajna ma problema għax dawn biex tressaqhom hemm l-arbli, l-internet, d-dawl etċ, għalhekk is-Sindku resqet żewġ kwotazzjonijiet biex jew jkunu tipo fissi, jew bis-solar li jkunu faċli 'iktar biex jitressqu min post għal-ieħor, liema spiza tkun biss biex *technician* jaqlaħħa min post u jinstalla f'post ieħor.

- Kwotazzjoni 5,200 Ewro inkluz VAT.
- Kwotazzjoni biex is CCTV tkun tista titmexa 6,330 Ewro inkluz VAT.

Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk nistawx nidħlu *partners* ma residenti li nkunu nistaw nwaħħlu mal proprjeta tagħhom, biex nifrankaw l-ispejjes. Dan jkun hemm MOU *agreement* li nkunu nistaw nwaħħlu mal-faċċata ta' terzi, jtina l-internet u d-dawl, u ovvjament jitħallas rata. Dan huwa l-istess kunċett ta' antenna's li jitwaħħlu fuq il-bjut tan-nies min kumpaniji tat-telekomunikazzjoni. Il-Kunsillier Cassar qal wkoll li fil verita irid jkun ħanut u mhux dar residenzjali, għax x'ħin niġu biex nħallsu rridu rċevuta.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tistaqsi lil-GDPR officer tal-Kunsill jekk hux permessibli bil-liġi li nużaw faċċati ta' terzi biex jeħlu CCTV *cameras.*

### 12.3.10 Kommunikazzjoni - I Care System

Is-Sindku nfurmat li kelna laqgħa mat TCTC fuq *software* tal-*customer care* għal-Kunsill. Dan jismu iCare *software*, li huwa *local governance customer care system,* u huwa simili ħafna tas-*software* u l-app li għandhom Clean and Upkeep Malta.
Is-Sindku spjegat li s-*software* li ġie ppreżentat lil-Kunsill għandu app wkoll, fejn wieħed jista jressaq ilment u/jew suġġeriment, flimkien ma ritratt. L-ilment jidħol fis-sistema tas-*software* tal-iCare, jiġi proċessat mil-*backoffice*, u jibqa jiġi *followed-up* sakemm jiġi solvut. Kull *case update* li jsir fuq is-sistema, ir-resident ħa jirċievi notifikazzjoni, u jkun jaf fejn wasal l-ilment tiegħu, mingħajr id-dettalji ta' x'kien hemm fuq l-*email.* Dan l-istess proċess jaħdem jekk persuna ċemplet flokk użat l-app.

Is-Sindku nfurmat li l-prezz huwa ta' €4,950 eskluz VAT, u *maintenance* u *support fee* fis-sena ta' €2,950 eskluz VAT. Il-Viċi Sindku saqsa jekk hemx kwotazzjonijiet oħra, u s-Sindku fakkritu

li konna ltqajna ma żewġ kumpaniji oħra liema prezzijiet kienu ta' €7,000 u jiċċarġjaw għal-kull aġent, u oħra ta' madwar €17,000 li huma t-tnejn mingħajr *mobile app*. Is-Sindku nfurmat li hi u s-Segretarju Eżekuttiv diġa ppruvaw l-app, u l-Kunsilliera talbu wkoll biex jittestjawa, u jekk jkun hemm qbil li jkollna dan is-software, l-prezz tal-*maintenance* u *support fee* trid tiġi riveduta. Is-Sindku nfurmat li staqsiet għalxhiex il-*maintenance* u *support fee* hjja għalja, u dan minħabba *storage* tal-*cloud*. Il-Kunsillier Cassar nforma li l-*email ta' Microsoft Outlook 365* jtik l-apps kollha u 50GB *storage* bi prezz ta' €10 fix-xahar. Il-Kunsillier Cassar staqsa min għamel l-app tal-Gvern 'Clean Malta', u s-Sindku nfurmatu li hija l-istess kumpanija li offritilna software ta' €17,000. Il-Kunsillier Cassar ssuġerixxa li missu jidħol għalija l-AKL jew r-Reġjun għal-Kunsilli.

### 12.3.11 Kommunikazzjoni - Ħin, deċizjonijiet u approvazzjonijiet tal-laqgħa

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li daqt jiskadi l-ħin ta' tlett sigħat. Il-Kunsilliera unanimament qablu biex mat 3 siegħat tal-laqgħa, tiżdied nofs siegħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat biex qabel ma ngħaddu għal-item 12.4, ġibdet l-attenzjoni tal Kunsilliera li laqgħa hija biex jittieħdu deċizjonijiet u approvazzjonijiet, għalhekk jekk ser jibqaw jittellaw *items* li mhumhiex relatati biex tittieħed deċizjoni u/jew approvazzjoni, mhux ser jibqaw jiġu *minuted.*

## 12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 12.4.1 Wied is-Sir

Il-Viċi Sindku staqsa nforma li għadhom ma sarux ir-*road markings* min Infrastructure Malta, u talab lis-Sindku biex tibgħat *email* uffiċjali. Il-Kunsillier Cassar ta' parir lil Viċi Sindku, li bħala Viċi Sindku u Perit jista jmexxi u jibgħat l-*email* hu, u jikkopja lis-Sindku u l-Kunsill. Importanti li jiffirma bħala Viċi Sindku fejn qed jibgħat fuq xogħol relatat mal-Kunsill.

### 12.4.2 Triq il-Bajtar

Il-Viċi Sindku staqsa f'hiex waslet it-talba ta' *one-way* fi triq il-Bajtar. Is-Sindku nfurmat li kull ma kien hemm oġġezzjoni waħda fejn ġie mitlub biex tkun bil kontra, iġiefieri *one-way* l-isfel, għalhekk is-Sindku ħa tmur fuq il-post u nkunu nistaw nmexxu, għax ir-resident l-ieħor ma tgħamillux differenza d-direzzjoni. Il-Viċi Sindku staqsa lil-membri preżenti x'jaħsbu huma bħala direzzjoni, u l-Kunsillier Deguara nforma li jidher li tgħamel sens tkun *one-way* l-fuq peress li hemm ħajt li jgħati l-barra. Il-Viċi Sindku talab biex tiġi ċċirkulata pjanta lil-Kunsilliera ħalli nmexxu kemm jista jkun malajr.

### 12.4.3 Laqgħa Infrastructure Malta

Il-Viċi Sindku nforma li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv saret laqgħa li talbuna biex nattendu Infrastructure Malta fuq il-proġett tat-toroq li jgħatu għal ta' Qali, r-*roundabout* fit-tarf ta' triq il-Kostituzzjoni u triq Difiza Ċivili, u triq San Sivestru. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li dawn jridu jittellaw bħala *agenda items*, biex jiġu diskussi.

Rigward triq San Silvestru tawna l-pjanta u qed jistennew risposta min għanda biex tiġi diskussa waqt konsultazzjoni pubblika, biex jekk jaqbel il-pubbliku x-xogħol jsir max-xogħolijiet li qed jgħamlu Infrastructure Malta.

Rigward ir-*roundabout* ser jsir *upgrade* tal-*junction,* fejn ħa tersaq u tiċkien ir-*roundabout,* u l-monument ser jersaq. Ħa jkun hemm wkoll xi karreġjati għal-vetturi li ma jkollhomx għalfejn jaslu sar-*roundabout.* Infrastructure Malta talbuna approvazzjoni biex il-monument tal-

missjunarji jiġi *shifted* ftit u ma jibqax fuq ir-*roundabout.* Il-Viċi Sindku nforma li l-Premiere kien rama *tower crane* fuq it-*traffic Island* li din issa ħa tiċċaqlaq, aparti li dan issa ħa jibdni l-parti l-oħra, u jekk jerġa jarma t-*tower crane* fuq it-*traffic island,* jista jkun li dan issa ħa jxekkel ix-xogħolijiet ta' Infrastructure Malta, għax dawn bejn wieħed u ieħor ħa jibdew daqs xagħrejn/tlieta oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li peres li triq arterjali, jiġi għandna għal-permess fejn aħna nitolbu lil Transport Malta l-approvazzjoni tal-permess.

Il-Kunsillier Cassar nforma li meta kien Sindku kellhu laqgħa ma uffiċjal ta' Transport Malta is-Sur Darmanin u l-Perit is-Sur Joseph. F'din il-laqgħa kien ġie propost i tiċkien ir-*roundabout* ta' quddiem is-Subaru, kellha ssir *lane* separata biex min triq ix-Xitwa u triq is-Sajf tibqa ħiereġ, li kienet ġiet approvata pero' bqajna ma smajna xejn. Għalhekk il-Kunsillier Cassar talab lil Viċi Sindku biex jekk jkun qed jitkellem mas-Sur Darmanin, jiċċekja naqra f'hiex wasal dan il-proġett.

Rigward ta' Qali, qed isir proġett tar-*ring road* u toroq tal-madwar.

Il-Viċi Sindku nforma li kif jkollna l-pjanti ssir laqgħa oħra biex nispjegaw il-proposti li għandhom Infrastructure Malta.

### 12.4.4 Pjazza tal-Mosta

Il-Viċi Sindku rċeva xi suġġerimenti mil-pubbliku u xtaq jiproponi biex issir diskussjoni biex il-Ħadd filgħodu bejn id-9:00am u 12:00pm, tingħalaq il-Pjazza biex il-pubbliku jkun jista jimxi u jippassiġġa, bħal meta ingħalqet meta ġiet inawgurata triq il-Bażilika.
Il-membri preżenti qablu li ssir disckussjoni mal pubbliku, mas-sidien tal-ħwienet, u mat-trasport pubbliku.

### 12.4.5 Traffic Management

Il-Kunsillier Cassar staqsa lil-Viċi Sindku f'hiex waslu l-istudji tat-*traffic management* li kellhom jsiru għat-toroq madwar il-Mosta. Il-Viċi Sindku nforma li l-*main focus* huwa fuq triq Kungress Ewkaristiku u qed jistenna biex jkollu laqgħa mal-Ministeru, kif wkoll jrid jiltaqa' mas-Sindku biex jibdew jiddiskutu fuq toroq oħrajn.

### 12.4.6 Skema Libreriji

Il-Kunsilliera Rapa nfurmat li tgerfxet naqra fuq din l-iskema. Il-Kunsillier Cassar nforma li għandu jiltaqa mas-Sindku, fuq din il-materja.

### 12.4.7 Triq l-Għadajjar

Il-Kunsillier Deguara nforma li triq il-Għasel diġa *one-way,* pero' kien għamel talba biex il-parti t-isfel meta wieħed jdur lejn triq il-Għadajjar min triq il-Għasel, din tiġi *one-way* l-fuq lejn triq 1 ta' Novembru. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

### 12.4.8 Vjal Qalbiena Mostin

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk irċevejnhiex risposta dwar it-talba biex jsiru n-numerar ta' biebien fi Vjal Qalbiena Mostin. Is-Sindku nfurmat li din f'idejn lis-Street Naming Committee, u kull ma nistaw ngħamlu hija li nibgħatu *reminder.* Il-Kunsillier Cassar nforma li la hemm parti għad trid tinbena, x'aktarx ma jsirx numerar mid-Door Numbering Unit.

### 12.4.9 Soċjeta Nicolo Isouard

Il-Kunsillier Deguara nforma li bħala soċjeta Nicolo Isouard qegħdien jaħdmu biex jgħamlu safra f'Ottubru 2021, għal-okazzjoni tal-150 sena. Il-Kunsillier Degarua nforma li qed jipjanaw li jmorru San Fransisco u jzuru Millbrae kif kienu diġa għamlu fl-2004.

### 12.4.10 Ktieb tar-Reġjun

Il-Kunsillier Cassar nforma lis-Sindku li jridu jiltaqaw dwar il-ktieb tar-Reġjun fliemkien mal Kunsillier Camilleri. Is-Sindku nfurmat li jekk jistaw jiltaqaw l-ħamis, peres li l-ġimgħa hemm il-laqgħa tar-Reġjun. Il-Kunsilliera Cassar u Camillieri ikkonfermaw biex jiltaqaw l-ħamis 13 ta' Frar.

### 12.4.11 Pjan ta' Ħidma

Il-Kunsillier Cassar nforma lis-Sindku li jridu jiltaqaw dwar il-pjan ta' ħidma. Is-Sindku nfurmat li jistaw jiltaqaw wara li l-Kunsillier jiġi mis-safar

### 12.4.12 Bye-law Ħamiem

Il-Kunsillier Cassar staqsa f'hiex wasal il-proċess biex ssir il-*bye law* tal-ħamiem. IS-Segretarju Eżekuttiv diġa bgħatet *bye law* lesta lil avukat tal-Kunsill, pero' għadna bla risposta.

### 12.4.13 Attivitajiet

Il-Kunsillier Cassar nforma li kien hawn żewġ attivitajiet uffiċjali fejn il-Kunsilliera ma ġewx mistiedna mil-għaqdiet. Waħda saret mil-għaqda tan-nanniet u oħra mil-paroċċa.

Il-Kunsillier Camilleri nforma li apparentament l-għaqda tan-nanniet ppretendew li nħalsulhom xi riċeviment, u l-president tan-Nanniet Malta għamel attivita sħiħa jitfa l-botti. Is-Sindku nfurmat li hi m'approvatx ir-riċeviment. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fil-fehma tagħha l-president tan-Nanniet Malta m'għandux etika għax din mhux l-ewwel darba li l-Kunsill jgħin u l-president tan-Nanniet Malta ta' spiss jmaqdar mal-pubbliku preżenti li jkun qed jattendi l-attivita. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li persuna li kien jippartjeni bħala bord tan-Nanniet Malta, irriżenja għax dehrlu li kien qed jsir xi abbuz.

Il-Kunsillier Cassar nforma li nfurmat wkoll b'din ir-riżenja u d-diżgwied li kien hemm, u jekk il-Kunsill jidirlu li l-għaqda ta' Nanniet Malta qed jabbużżaw mil-għajnuna u l-bona volonta tal-Kunsill, navviċinaw lil-fundatur ta' Nanniet Malta.

Is-Sindku nfurmat li bħala għaqda tixtieq li ssotnihom, li hija waħda mir-raġuni għalfejn ġie approvat it-trasport għal-ħarġiet kulturali għal-Mostin. Is-Sindku żiedet tgħid li mhux għax ma xtaqietx tħallas għar-riċeviment, imma temmen li aħjar ssir ħarġa tal-Kunsill u jiġi mistieden il-pubbliku f'isem il-Kunsill, u ngħatu wkoll lil Mostin.
Is-Sindku żiedet tgħid li kienet sinċiera miegħu u offriet lil-president ta' Nanniet Malta affarijiet ta' bla flus, bħas-sala, *projector,* PA system etċ. Il-Kunsillier nforma li meta ġie għandu biex jiġi ffirmat l-ftehiem, it-trasport kienet waħda mit-talbiet tal-president li l-Kunsillier Cassar bħala Sindku ta' dak iż-żmien, kien irrifjuta għax trasport fix-xahar kienet ħa titla spiża. L-ftehim huwa biex tingħata s-sala b'xejn għal-attivitajiet tagħhom, flimkien ma l-apparat li semmiet is-Sindku.

Fid 9:13pm il-Viċi Sindku talab biex jiġi skużat għax kellhu bżonn jitlaq.

Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li meta saret l-attivita ta' l-inawgurazjoni, xtaq li tkun attivita kollha tal-Kunsill, u fda f'idejn il-president ta' Nanniet Malta l-*entertainment.* Is-Sindku żiedet

tgħid li jgħamlu attivita sħiħa u ħlief Nanniet Malta ma jissemewx. Il-Kunsillier Cassar qal wkoll li bħal l-attivita tal-Ħadd li għadda, fejn il-Kunsill ma semmgħax leħnu, għalhekk il-Kunsill jrid jkollhu rappreżentant tiegħu meta ma tkunx tista tattendi s-Sindku, fejn il-Kunsill jkollu l-ħin biex jgħaddi l-messaġġ tiegħu, u la jkollu lil xi ħadd mil-Kunsill ħa jitkellem, il-president ma jażżardax jgħid dak id-diskors li qal.

Il-Kunsillier Cassar qal li ma bgħatu invit lil-ħadd, tajjeb lis-Sindku titlob laqgħa mal-president ta' Nanniet Malta biex tinfurmaħ li l-Kunsill diżappuntant bl-atteġament tiegħu. Aparti wkoll li l-kuntratt huwa ċar li huwa biss biex nofru s-sala u faċilitajiet oħra bħall PA *system*, *projector* etċ, kif wkoll attivitajiet fil-lokalita, u attivita National Grandparents Day, li ssir darba fis-sena fix-xagħar ta' Ottubru.

Il-Kunsillier Camilleri żied jgħid li anke l-paroċċa, il-ħin kollhu jitolbu lil Kunsill għal-għajnuna, imbagħad għal-*launch* tal-ktieb tat-turisti ma bgħatux stedina lil-Kunsill.

## 12.5 Rapporti

### 12.5.1 Unaudited Financial Statements 2019

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Unaudited Financial Statements 2019, ħa jiġu diskussi f-laqgħa oħra li ħa ssir il-ġimgħa d-dieħla b'urġenza, peress li l-perit tal-Kunsill għadu ma bgħatx l-*invoices* li kienu ilhom pendenti.

### 12.5.2 Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji 2020

L-accountant tal-Kunsill is-Sur Galea, spjega li jekk ma ndaħħlux l-*accounts* sat 28 ta' Frar, l-awdituri jirrimarkaw fuqa fir-rapport ta' l-awditur.

L-accountant beda jispjega l-estimi Finanzjarji 2020, li jinkludi l-*budget* 2019, l-*actual* 2019 u x'qed jiġi *budgeted* għas-sena 2020:

Paġna 4
- Qed jiġu konklusi l-accounts u jidher li dħul fl-2019 ħa jkun ta' 1,569,876.
- Qed jiġi *budgeted* dħul għal 2020 ta' 1,596,745.
- Ħruġ *budget* 2019 kien ta' 1,299,915, u jidher li l-Kunsill ħa jkun qed jonfoq 1,457,524, u qed jiġi *budgeted* ħruġ ta' 1,552,237 għal-2020.
- Kien hemm *surplus budgeted* ta' 145,711 għal 2019, u jidher li *surplus* ħa jkun ta' 112,352. Għal 2020 is-*surplus* huwa *budgeted* għal 44,508.

Paġna 7
- Hemm *breakdown* tan-numri min fejn ġew.

l-Accountant ta' spegazjoni fejn jidħlu *tipping fees* tal-Wasteserv. Sa issa l-Kunsill kien jirċievi l-allokazzjoni tat-*tipping fees* mid-DLG, u l-Kunsill jħallas lil-Wasteserv skond l-ammont tat-*tiping fees.* L-accountant kompla jgħid li għal 2020 id-DLG nfurmaw l-Kunsilli li ħa jżiedu l-allokazjoni biex jkunu jistaw jħallsu t-*tipping fees*, fejn infurmaw wkoll li l-Kunsilli jistaw jħallsu b-lura, imma mbgħad wara negozjati li saru d-DLG iċċara l-punt li għalkhemm żdied l-ammont tat-*tipping fees,* ikkappja l-ammont tat-*tipping fees.*

Paġna 8
- Żieda fl-allowance tal-Kunsilliera u l-onorarja tas-Sindku skond iċ-ċirkulari tad-DLG, u żieda fil-pagi fejn ħa jiġu ingaggati skrivani ġodda.
- Spejjes ta' *operations and maintenance* kelna *budget* ta' 860,092 u ntefqu 940,712. Fejn din iż-żieda hija minħabba ir-*refuse collection,* għax żdiedu xi ġabriet.

- *Repairs and upkeep* kien hemm *budget* ta' 125,000 u ntefqu 135,042, u qed jiġi *budgeted* 170,000 għal 2020. Tajjeb li jiġi ċċarat li dan l-ammont huwa għal tiswijiet, għax fejn jidħlu proġetti kapitali hemm *budget* għalih.
- *Parks and Gardens* in-nefqa fl-2019 kienet ta' 69,775 u żdied l-ammont sostanzjali għal 130,000 minħabba l-ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

  Is-Sindku spjegat lil-membri preżenti li kelna nżidu dan l-ammont wara laqgħa li kelna ma Ambjent Malta fejn qalulna li dan il-ġnien huwa tal-Kunsill, pero' meta għamilna d-dawl fil-parkeġġ, talbuna biex nitolbuhom permess. Is-Sindku żiedet ngħid li jekk il-ġnien huwa tal-Kunsill ma kienx hemm għalfejn nitolbu permess. Għalhekk jekk jiriżulta li dan huwa ta' Ambjent Malta, niffrankaw dawn is-60,000 li ġew *budgeted* fuq il-ġnien, u jkomplu jieħdu ħsied dan il-ġnien Ambjent Malta. Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li probabli ma jeżistux dokumenti ta' devoluzzjoni, għax qatt ma kien hemm devoluzjoni ta' dan il-ġnien biex jkun f'idejn il-Kunsill. Sakemm intelaq mil-kuntrattur li kelna, dan il-ġnien dejjem il-Kunsill ħa ħsiebu.

Paġna 9 - Spejjes Amministrattivi; il-Kunsill kellhu *budget* ta' 61,500 u ntefqu 69,737 fl-2019. Għal 2020 qed jiġi *budgeted* l-ammont ta' 70,500.
- Sar *budget* wkoll għal spejjes ta' vjaġġar.

Paġna 5 - Jidher li 2020 Net Current Asset qed jiġi *budgeted* li ħa ngħalqu s-sena ta' ftit iktar min 700,000, li jirrappreżenta FSI ta' 51%.

Paġna 11 - Il-Kunsil għamel proposta ta' *budget* ta' 1.65 miljun fi proġetti kapitali, li jrid jiġi approvat. Dawn huma maqsumien fi:

i. 10,000 *furniture and fittings*
ii. 45,000 *office equipment*
iii. 1.36 miljun fi *special programmes*
iv. 25,000 xiri ta' vettura elletrika
v. 200,000 bankini
vi. 10,000 *computer equipment*

Min dawn il 1.65 miljun li qed jiġu *budgeted* il-Kunsill ħa jiġbor 1.385 miljun min skemi.

Il Kunsillier Cassar staqsa jekk il 1.385 miljun humiex flus min skemi li ħalla l-Kunsill ta' qabel tas-seba leġizlatura, jew jekk humiex proġetti oħrajn. Is-Sindku nfurmat li kull ma żiedet huma il 200,000 fuq bankini. L-Accountant informa li huma parti mil-lista tal-proġetti kapitali li ġew approvati fil-*budget* ta' qabel, li sar xi xogħol matul din is-sena, u żdied ammont ieħor ma li kien hemm. Il-Kunsillier Cassar qal li l-iskop huwa li mhux inħallu l-flus jakkumulaw, u l-anqas li niġu b'*deficit*, għalhekk nistaw nagħmlu proġetti oħra diment li fadal dak ir-reserva ta'flus? Is-Sindku nfurmat li l-proġetti li kienu pjanati fil-leġislatura ta' qabel, bħal toroq kienu fil-biedu tagħhom, u għalhekk għadna qed niġru wara l-kuntratturi biex nibdew u nlestu. Allura ċerti proġetti li kienu ma bdewx imma kienu fi stadju ta' pjan ta' x'ħa jsir irridu nwettquhom, għalhekk is-Sindku nfurmat li ma tistax tikkometti ruħa fi proġetti oħrajn meta l-anqas biss b'dejna u għalaqna dawk li sar qbil fuqhom. Dawn huma ġnien tal-Blata l-Għolja, Outdoor Gym, ġnien Zokkrija, 5 toroq,

*block paving* tal-Qares, San Anton Abbati nru. 3, u Sqaq Xorxa li minflok *concrete imprint* ħa jsir *block paving* wkoll.

L-*accoountant* nforma li proġetti oħrajn huma; *public convenience,* l-funtana ta' l-Iljun, ġnien Kevin Vella, *resurfacing* triq il-Bajtar, ħitan tas-sejjieħ, u niċeċ.

Il-Kunsill Cassar talab, li nżiedu l-fondi fl-attivitajiet li dejjem il-Kunsill jidher li qiegħed dejjem iżied fil-finanzi. Is-Sindku nfurmat li għal-attivitajiet żidna l-*budget* wkoll, u tajjeb li jsiru proposti biex mbagħad jiġu approvati. Il-Kunsillier Cassar talab biex jiddaħlu fil-*budget* qabel.

L-*accountant* reġa fakkar lil membri preżenti li jekk ħa nonfqu l-flus mil-ispiża rikkurenti, diġa qegħdien magħfusin, għax fadal 40,000 mil-ispiża rikkurenti u ma jfissirx li jekk nonfqu mil-ispiża rikkurenti ħa nispiċċaw bid-dejn, imma mportanti għal-awditur li jkollhu *net current assets* bi *plus* fl-FSI.

### 12.5.3 Approvazzjoni ta' Pjan ta' Ħidma 2020-2024

L-Accountant nforma li d-dokumenti ta' pjan ta' ħidma 2020-2024, wieħed jinnota li l-FSI qed jonqos, għalhekk jekk nimxu man-numri kif qed jiġu proposti bl-istess pjan ta' spejjes, l-FSI dejjem qed jinżel.

Paġna 12

- pjan ta' ħidma għas sena 2021 fi proġetti kapitali b'ammont ta' 500,000, imma m'hemx *budgeted* l-ebda dħul li jista jkollu l-Kunsill min fondi, u l-FSI min 51% jed jonqos għal-26%.
- pjan ta' ħidma għas sena 2022 qed jiġi *budgeted* l-ammont ta' 400,000 fi spiża kapitali, u qed jiġi assum li mid-*development fund* nkunu nistaw nużaw 200,000.
- pjan ta' ħidma għas sena 2023 qed jiġi *budgeted* l-ammont ta' 262,000 fi spiża kapitali.
- pjan ta' ħidma għas sena 2024 qed jiġi *budgeted* l-ammont ta' 362,000 fi spiża kapitali, u qed jiġi assum li mid-*development fund* nkunu nistaw nużaw 250,000.

Iġifieri b'dan l-investiment li qed jiġi ppjanat ġewwa l-Mosta, xorta l-Kunsill ħa jkun qiegħed b'FSI pożittiv ta' 21% fis-sena 2024. Dan qed jiġi kkunsidrat li l-allokazzjoni tibqa tiżdied b'2% fis-sena.

### 12.5.4 Quarterly Report October-December 2019

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l- Quarterly Report October-December 2019, ħa jiġi diskuss f-laqgħa oħra li ħa ssir il-ġimgħa d-dieħla b'urġenza, peress li l-perit tal-Kunsill għadu ma bgħatx l-*invoices* li kienu ilhom pendenti.

Fis-7:52pm is-Sindku ċemplet lil Perit tal- Kunsill u reġet fakkritu b'ultimatum li jrid jibgħat l-*invoices* mil-aktar fis possibli.

Fis 7:30pm l-accountant Daniel Galea lesta mir-rapporti ta' l-*aaccounts* u *ħareġ* mil-laqgħa.

## 12.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 12.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 100.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 8 ta' Jannar sal-11 ta' Frar 2020.

12.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

12.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

12.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta Jannar 2020. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

12.7 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:30 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-20 ta' Frar 2020 fis-8:00am.

Konfermati llum 11 ta' Frar 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |